**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Rikors Nru. 342/2012MV**

**Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni**

**vs**

**Suncrest Hotels plc [C-8643]**

**Illum 2 ta' Marzu, 2016**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tas-socjeta Suncrest Hotels p.l.c li jghid:

> Illi permezz tal-prezenti, is-socjeta' rikorrenti qieghda topponi it-talba tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni kif kontenuta fl-ittra ufficjali datata 3 ta' Ottubru 2012 (Ittra Ufficjali Nru.

2569/2012), liema oppozizzjoni qieghed ssir ai termini ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in via preliminari, kwantu l-ammont reklamat qieghed jigi kontestat, l-azzjoni tad-Direttur hija *in parte* preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156(g) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, r-rikorrenti m'ghandha taghti ebda ammont Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, illi mid-dokumenti ezibiti mill-istess, inkluz id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, jirrizulta illi l-ammont reklamat qieghed jigi mitlub ghal perjodu ta' zmien meta l-licenzja in kwistjoni kienet *ex admissis* gja ghalqet, u cioe' mill-31 ta' Dicembru 2000 'il quddiem.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, is-socjeta' rikorrenti titlob bil-qima illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-pretensjonijiet tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni bhala infondati ai termini ta' l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti bil-ligi.

Rat ukoll ir-risposta tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni li tghid:

Illi permezz ta' rikors numru 342/2012 datat 15 t'Ottubru, 2012 is-socjeta' rikorrenti qieghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-talba tal-esponent ghall-hlas tas-somma ta' erbat'elef hames mija erbgha u tletin euro u erbghin centezmu (€4534.40) dovuta bhala hlas f'arretrati tal-licenzja WT/0199/1988 li saret fil-konfront taghha bhala wahda infondata ai termini ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligi – Dok A.

Illi in linea preliminari, in vista tal-eccezzjoni tal-prekrizzjoni wara verifiki li ghamlet l-esponent, huwa qieghed kontestwalment mar-risposta odjerna jipprezenta Nota ta' Riduzzjoni fil-kawza fl-ismijiet premessi sabiex permezz taghha jirriduci l-ammont dovut ghall-ahhar hames snin ta' qabel intbaghtet l-ittra ufficjali 2569/2012 jigifieri ghal elf, seba' mija sebgha u tmenin ewro u sebgha u sittin centezmu (€1,787.67).

Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talba tal-esponent ghall-hlas tal-arretrati tal-licenzja inkwistjoni kif prezentament ridotta hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi d-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi intavola l-azzjoni taht l-Artikolu 466 tal-Kap 12 bil-ghan li jigbor flejjes dovuti lill-Gvern ta' Malta u jagixxi bis-sahha ta' Att XII tal-2010, li ghalkemm hassar l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni Kap 49 (fl-2010) zamm ukoll in vigore certi aspetti tal-Att, li fost l-ohrajn f'artikolu 2 (3) jghid li 'Minkejja d-dispozizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni

ghandu jibqa' fis-sehh ghall-fini ta' kull procediment mibdi jew li ghad irid jinbeda dwar kull ksur ta' dak l-Att jew ta' kull regolament maghmulin tahtu meta jidhol fis-sehh dan l-artikolu'.

Illi fit-tieni lok li l-imsemmija licenzja WT/0199/1998 ghalqet fil-31 ta' Dicembru tas-sena 2000 mhuwiex ta' pregudizzju ghad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi.

In fatti l-licenzja kienet taghlaq kull sena biex wara tkun tista' tigi mgedda u kien biss fit-3 ta' Jannar, 2012 illi l-licenzja giet revokata permezz ta' ittra mibghuta mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni li gharrfet lir-rikorrenti bir-revoka u li gabet maghha wkoll it-tehid ta' kull frekwenza tar-radju li kienet giet assenjata lir-rikorrenti bl-iskop li jistabilixxi u jopera l-apparat ta' radjokomunikazzjoni – Dok B.

Illi l-artikolu 3(1) ta' l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni Kap 49 kien jghid:- 'bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (II) ebda persuna m'ghandha minghajr ma jkollha licenzja individwali moghtija bil-miktub mill-Ministru, taghmel, tixtri, tbiegh jew ikollha fil-pussess taghha jew taht il-kontroll taghha ebda apparat';

Illi s-suespost ifisser illi anke jekk ghall-argument licenzja tkun ghalqet u jkun fadal il-pussess tal-apparat tar-radjokomunikazzjoni f'idejn il-licenzjat, bhal fil-kaz tar-rikorrenti, il-hlas dovut tal-arretrati tal-licenzja ghal perjodu sussegwenti ghall-imsemmija data ta' gheluq jibqa' fis-sehh.

Illi mill-2010 lil hawn, ir-Radjokomunikazzjoni bdiet taqa' taht l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici Kap 399 li ma jesigix licenzja ghall-pussess ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni, ghal kuntrarju ta' Kap 49, izda li jesigi licenzja ghall-installazzjoni jew uzu ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni (artikolu 32);

Illi r-rikorrenti kien gie avzat b'dan permezz ta' ittra mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni u wara dan l-avviz baqa' ma ghamel l-ebda dikjarazzjoni jew affidavit lill-Awtorita' sabiex iwaqqaf l-uzu jew l-installazzjoni tal-apparat li huma suggetti ghall-licenzja taht Kap 399 u ghalhekk l-arretrati mill-2010 sal-2011 huma dovuti wkoll mill-applikant – Dok B.

Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma t-talba tal-esponent fl-ittra ufficjali 2569/2012 ghall-hlas tas-somma kif ridotta ghas-somma ta' elf, seba' mija sebgha u tmenin ewro u sebgha u sittin centezmu (€1,787.67) u tichad il-bqija tat-talbiet tas-socjeta' rikorrenti bl-ispejjez a karigu ta' l-istess socjeta'.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2013, il-kawza giet differita ghas-sentenza bil-partijiet jinghataw il-fakulta' li jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta intimata rikorrenti a fol. 33 tal-process u n-nota responsiva tar-rikorrent intimat a fol. 37 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza u qieset il-provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' Nota ta' Riduzzjoni tas-26 ta' Novembru 2012, a fol. 13 tal-process, ir-rikorrent intimat irriduca t-talba tieghu ghal dak li kien dovut ghall-ahhar hames snin, b'hekk il-mertu gie ridott ghas-somma ta' elf seba' mija u sebgha u tmenin Ewro u seba' u sittin centezmu (€1,787.67). B'dan il-mod ukoll giet ammessa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mis-socjeta' intimata rikorrenti. Ghalhekk din il-Qorti ma hiex se toqghod tinvestiga din l-eccezzjoni stante illi b'tali nota ta' riduzzjoni din l-eccezzjoni giet sorvolata.

Illi fil-bqija tal-mertu, l-Qrati taghna diga kellhom okkazjonijiet fejn gie dibattut mertu bhal dak in ezami[1].

Illi l-mertu jikkonsisti f'arretrati ta' hlas tal-licenzja.

Illi s-socjeta' intimata rikorrenti ssostni li r-rikorrent intimat m'hu intitolat ghall-ebda hlas ghaliex l-imsemmija licenzja ghalqet fil-31 ta' Dicembru 2000 u ghalhekk il-pretensjoni tal-intimat li jitlob hlas ghas-snin bejn 2001 sa 2012 hija infondata u dan ghaliex f'dawn l-istess snin u cioe bejn 2001 u 2012, is-socjeta' intimata rikorrenti ma kellha l-ebda licenzja. Dwar din l-asserzjoni r-rikorrent intimat ma jaqbilx u jiccita ghall-konfort tieghu dak li jipprovdi l-Artikolu 2 (3) ta' l-Att XII, 2010 li jiddisponi s-segwenti:

[1] Fost ohrajn Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili vs Joseph Falzon, deciza 02/12/2010, Direttur tas-Servizzi Korporattivi vs Sovereign Hotels Limited, 07/09/2012, Direttur ghas-Servizzi Korporattivi, Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni., 05/06/2013.

"Minkejja id-disposizzjonijiet l-ohra ta' dan l-artikolu, l-Att dwar ir-Radjokomunikazjoni ghandu jibqa' fis-sehh ghall-fini ta' kull procediment mibdi jew li ghad irid jinbeda dwar kull ksur ta' dak l-Att jew ta' kull regolament maghmulin tahtu meta jidhol fis-sehh dan l-artikolu" u jghid li kien ghalhekk li pproceda bil-prezentata tal-ittra ufficjali skond l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta."

Il-Qorti taghmel referenza ghall-ittra esebita fl-atti a fol. 12 immarkata bhala Dok B mibghuta minn Paul E. Micallef bhala *Legal Advisor* tal-*Malta Communications Authority* lir-rikorrenti odjern fejn f'din l-ittra jinghad li l-licenzja li r-rikorrent kellu WT/0199/1988 *'expired'* fil-31 ta' Dicembru 2000 pero' tghid ukoll li minkejja dan xorta s-socjeta' intimata rikorrenti hi obbligata li thallas il-licenzji ghas-snin 2001 sa 2012 u kien biss permezz ta' dik l-istess ittra datata 3 ta' Jannar 2012, Dok B, a fol. 12 tal-process, li l-Awtorita' irrevokat il-licenzja taghha u b'hekk irtirat kull *radio frequency* li setgha kellha. Is-Sur Micallef f'din l-ittra izid jghid li kwalsiasi hlas ta' licenzja mhux imhalsa jibqa' pendenti u dovut. Fid-Dokument A esebit a fol. 10 tal-process, ir-rikorrent intimat ikkjarifika kif inhu maqsum id-debitu dovut lilu.

Illi l-Qorti qieset ix-xhieda ta' Mario Mercieca ghan-nom tas-socjeta' intimata rikorrenti, a fol. 26 tal-process, li ddikjara li l-*pagers* relatati mal-licenza odjerna ilhom mitlufa u baqa' biss xi apparat minimu li ilu ma jintuza kif ukoll li kien informa lill-Awtorita' li xtaq jittermina l-licenzja u in sostenn ta' dan pprezenta kopja ta' korripondenza bl-*email* esebita bhala Dok. MM1 a fol. 26 tal-process. Illi pero din l-*email* kienet mibghuta fit-28 t'Ottubru 2009 u ghalhekk huwa stess qieghed jammetti li sa dakinhar kien jaf li l-licenzji kienu ghadhom pendenti u ghadhom ma gewx revokati.

Fix-xhieda tieghu, a fol. 30 tal-process, Mario Mercieca ghan-nom tar-rikorrent intimat jispjega x'kellu jsir min-naha tas-socjeta intimata rikorrenti sabiex tigi tterminata l-licenzja u jghid li l-procedura ma saritx min-naha tal-istess socjeta'. Ghalhekk kien jispetta lill-istess socjeta' intimata rikorrenti, u cioe' r-rapprezentanti taghha li jaghmlu affidavit fejn jikkonfermaw bil-gurament taghhom li l-*pagers* kienu intilfu u jiehdu dak l-affidavit ghand l-Awtorita' sabiex il-licenzja relattiva tigi revokata, pero' jidher li minn dan is-socjeta' intimata rikorrenti ma ghamlet xejn.

Kien biss meta s-socjeta' intimata rikorrenti rceviet l-ittra ufficjali in ezami li ghogobha tikkontesta d-debitu taghha.

Issa skond l-Artikolu 28(4) tal-Kap 399 hemm stipulat li: "Licenzja individwali tar-radjokomunikazzjoni moghtija taht dan l-Artikolu ghandha kemm il-darba ma jkunx giet qabel revokata mill-Ministru jibqa' fis-sehh ghal dak il-perijodu li jista jigi specifikat fil-licenzja".

Illi ghalhekk il-licenzja ma gietx revokata qabel ma r-rikorrenti ircieva din l-istess ittra Dok B datata 3 ta' Jannar 2012. Dan huwa kaz simili bhal meta konducent ta' karozza ma jhallasx il-licenzja tat-triq fuq il-vettura tieghu ghal perijodu ta' zmien u wara numru ta' snin imur sabiex jiskrapja il-vettura u jirritorna il-pjanci jew adirittura imur sabiex ihallas ir-*road license* sabiex ikun jista' jbiegh l-istess vettura u jirregistraha fuq terz, l-istess konducent ikollu ihallas il-licenzji kollha b'lura qabel dan ma jsehh. Din hija sitwazzjoni simili u ghalhekk id-dritt tal-intimat li jitlob il-hlas tal-licenzji b'lura jibqa' hemm sal-mument li l-licenzja giet revokata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tas-socjeta' intimata rikorrenti limitatament fis-sens illi in vista tan-nota ta' riduzzjoni tar-rikorrent intimat tiddikjara illi l-ammont illi huwa dovut mis-socjeta' rikorrenti intimata huwa l-ammont kif ridott permezz tan-nota ta' riduzzjoni u cioe fl-ammont ta' elf u seba' mija sebgha u tmenin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€1,787.67). Spejjez tal-prezenti procedura ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur